# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**DIGRIET**

**Illum 10 ta' Jannar 2022**

Fl-atti tat-Talba Nru: **288/2021 JG**

Fl-ismijiet

**Il-Mibrum Autodealer**

**Vs**

**Mazin Aljayer**

It-Tribunal;

Ra t-talba magħmula mis-soċjetá attriċi waqt l-ewwel seduta ta' dan is-smiegħ u ċioé dik tad-9 ta' Diċembru 2021, tramite liema intalab li dan it-Tribunal jordna l-isfilz tar-risposta tal-konvenut u dan għar-raġunijiet hemm imfissra;

Ra l-oġġezzjoni tal-konvenut, verbalizzata fl-istess seduta, għal din it-talba;

**Ikkunsidra;**

Illi permezz tat-talba hekk kif verbalizzata mis-soċjetá attriċi, l-istess qiegħda titlob li tiġi sfilzata r-risposta tal-konvenut (u allura li l-istess konvenut jiġi dikjarat bħala li waqa' fi stat ta' kontumaċja) u dan għaliex l-istess risposta ġiet preżentata b'mod tardiv.

Illi kif diġa ngħad diversi drabi, dan it-Tribunal huwa regolat b'liġi speċjali. Minn qari tal-istess, jirriżulta li huma tnejn ir-regoli kardinali li għandhom jiġu segwiti. L-ewwel regola hija dik kontenuta fir-regolament 4(2) tal-Liġi Sussidjarja 380.01 tal-Liġijiet ta' Malta[1]. It-tieni regola hija dik li temerġi mill-artikolu 13(b) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta[2]. Din ir-regola trid l-presenza tal-konvenut (jew xi ħadt sabiex jirrappreżentah) fl-ewwel seduta.

Illi jirriżulta li l-konvenut segwa l-aspett proċedurali fiżiku, fis-sens li kien preżenti waqt l-ewwel seduta. Huwa minnu iżda lir-risposta daħlet tardivament. Madanakollu, huwa biss jekk tirriżulta non osservanza taż-żewġ regoli li dan it-Tribunal jista jasal sabiex jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi. F'dan il-każ, l-konvenut kien mankanti f'aspett biss wieħed biss.

Illi dan it-Tribunal kellu diversi okkażjonijiet jitkellem dwar din it-tematika u qiegħed jerġa jsegwi dak preċedentement deċiż[3].

---

[1] Dan jgħid hekk: "*konvenut għandu jippreżenta r-risposta tiegħu għat-talba fi żmien tmintax-il jum mid-data meta jkun ġie notifikat bl-avviż tat-talba*".

[2] Dan jgħid hekk: *jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-ġudikatur jista' jiddeċiedi l-kawża fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri għandhom jgħoddu mutatis mutandis.*

[3] F'dan is-sens, fost diversi, issir referenza għal dak li ġie deċiż fid-digriet fl-ismijiet **Albert Pullicino et vs Carmel Pullicino**,(Tlb numru: 252/2020) mogħti minn dan it-Tribunal diversament presedut fil-15 ta' Lulju 2021. Fuq Bl-istess mod issir referenza għas-sentenza preliminari fl-ismijiet **Margal Limited vs Eucharist Bajada** (Tlb Nru: 64/2018) mogħtija

Illi għalhekk it-talba hekk kif magħmula fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2021 ma tistax tintlaqa'.

Għaldaqstant it-Tribunal qiegħed jiċħad it-talba tas-soċjetá attriċi kif magħmula minnha fis-seduta tad-9 ta' Diċembru 2021.

Spejjeż ta' dan l-episodju riżervati għal-ġudizzju finali.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

minn dan it-Tribunal diversament presedut nhar il-5 ta' Frar 2019. Ukoll issir referenza għal dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Wembley Crane Hire Limited vs Sergio Gauci,** (Tlb Nru: 3/2012) mogħtija minn dan it-Tribunal diversament presedut fis-6 ta' Marzu 2012. Finalment, wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2018, fil-proċeduri fl-ismijiet **Joseph Caruana vs Briffa Al Girbi Nathalie et**,( Tlb Nru: 297/2018) li kienu pendenti quddiem dan it-Tribunal diversament presedut u li ġew ċeduti fit-18 ta' Settembru 2019.